***-Azzjoni Kambjarja-***

# IL-PRIM AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. RAYMOND C. PACE LL.D**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 14 ta' Marzu, 2001.**

**Kawza Nru: 32.**
**Citazzjoni Numru: 1999/98RCP**

**John u Josephine konjugi Bugeja**

**vs**

**Mark u Catherine konjugi Goulding u b' nota tat- 13 ta' Dicembru, 1999 Catherine Goulding assumiet l-atti tal-kawza f' isem il-konvenut zewgha, li jinsab assenti.**

**Il-Qorti,**

**I. PRELIMINARI.**

Rat l-atti tac-citazzjoni li bih l-atturi premettew:

Illi l-konvenuti huma debituri ta' l-atturi fl-ammont ta' elfejn erba' mija u sitt liri Maltin u tnejn u sebghin centezmu (Lm 2, 406,72c0) import ta' tmien kambjali (Dok. JBI-JB2); illi l-atturi sejhu diversi drabi lill-konvenuti sabiex ihallsu s-somma msemmija izda dawn baqghu inadempjenti; illi l-ammont huwa cert, likwidu u dovut u jezistu l-elementi kollha rikjesti mil-Ligi ghat-tenur tal-artikoli 167 sa 170 tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12) u l-atturi qeghdin jipprezentaw affidavit ghall-iskop ta' l-istess artikoli msemmija;

L-istess atturi talbu li l-konvenuti jghidu ghaliex ghar-ragunijiet fuq imsemmija din il-Qorti m' ghandiex:

1. Tipprocedi ghas-sentenza skond it-talba tal-atturi bid-dispensa tas-smiegh ghat-tenur tal-artikolu 167 sa 170 tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili (Kap.12).

2. Tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-atturi s-somma ta' elfejn erba' mija u sitt liri Maltin u tnejn u sebghin centezmu (Lm2,406,72c0) import ta' tmien kambjali kif fuq deskritt.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-mandat ta' sekwestru numru 3087/98 u tal-mandat ta' qbid numru 3088/98 JV u bl-imghax skond il-ligi kontra l-konvenuti minn issa ngunti in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-atturi a fol 4 *et sequitur* tal-process.

Rat id-dokumenti ezebiti mac-citazzjoni attrici.

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet tal-konvenuti fejn eccepew:-

1. Illi preliminarjament id-domandi tal-attrici huma ghal kollox infondati kemm fil-fatt u kemm fid-dritt stante li l-kambjali in kwistjoni gja thallsu u dan kif jista' jigi ppruvat waqt l-kawza b' dokumenti u dikjarazzjoni;

2. Salv Eccezzjonijiet ohra ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuti a fol 25 *et sequitur* tal-process.

Rat il-verbal tas-seduta tal-20 ta' Novembru 1998 u tal-24 ta' Marzu, 1999.

Rat in-nota ta' Mark Goulding li permezz taghha esebixxa l-annessi affidavit tieghu u dokumenti ohra.

Rat il-verbal tas-seduta tas-7 ta' Mejju, 1999.

Rat in-nota ta' Catherine Goulding fejn ezebit l-affidavit taghha.

Rat il-verbali tas-seduti tal-24 ta' Novembru, 1999; tal-15 ta' Dicembru 1999 fejn xehdet Catherine Goulding; tas-17 ta' Mejju, 2000; tal-4 ta' Ottubru, 2000 u tal-12 ta' Dicembru, 2000.

Rat in-nota ta' l-atturi li biha esebew l-affidavits ta' Josephine Bugeja u Dr. Anthony Ellul.

Rat il-verbal tas-seduta tat-22 ta' Frar, 2001 fejn Dr. Anthony Ellul iddikjara li ma ghandux provi aktar. Il-konvenuti u d-difensuri taghhom imsejha tlett darbiet baqghu ma dehrux nonostante li kienet ghall-provi tal-konvenuti. Dr Anthony Ellul talab li l-kawza tibqa' ghas-sentenza. Illi l-Qorti laqghet it-talba tad-difensur ta' l-atturi u dan in vista tal-fatt tan-nuqqas da parte tal-

konvenuti li jressqu x-xhieda taghhom. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghall-14 ta' Marzu, 2001.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

L-atturi permezz ta' din il-kawza qed jipprezentaw il-hlas ta' tmien kambjali fl-ammont ta' elfejn erba' mija u sitt liri Maltin u tnejn u sebghin centezmu. Illi pero` min-naha taghhom il-konvenuti qed isostnu li l-kambjali in kwistjoni diga thallsu.

Illi **l-konvenut** fl-affidavit tieghu ddikjara li huwa hallas il-kambjali kollha u esebixxa dokumenti sabiex jipprova dan.

Illi **l-konvenuta** xehdet li zewgha kien jiggestixxi negozju ta' *confectionary* u hija kienet izommlu l-kotba, u xehdet illi l-pagamenti li jidhru li thallsu mill-affidavit ta' zewgha saru akkont tal-ammont li jipprezenta l-import komplessiv tal-kambjali.

Illi fl-affidavit taghha **l-attrici Josephine Bugeja** cahdet li l-konvenuti hallsu l-kambjali li taghhom qed jintalab il-hlas. Hi spjegat li l-konvenuti kienu krew hanut minn ghandhom u kif kienu l-ammonti. Hi qalet li l-konvenuti xtraw ukoll ghodda li kienet tinsab fl-istess hanut ghall-

valur ta' hamest' elef lira. Kienu nhargu kambjali ghall-hlas ta' dan il-valur. Hija xehdet ukoll li kemm il-konvenuti damu jokkupaw il-hanut il-hlas tal-kera u l-pagamenti tal-kambjali, qatt ma saru fil-hin, u li sahansitra kienu ghamlu proceduri l-Qorti sabiex jithallsu. Inoltre' hi sostniet li kull meta sar pagament fuq il-kambjali dejjem irritornat l-original lill-konvenut.

L-attrici sostniet ukoll fl-affidavit taghha illi l-pagament li l-konvenuti allegaw li saru jirreferu ghall-hlasijiet ta' arretrati ta' kera fuq il-hanut, spejjez gudizjajri, hlas ta' kambjali ta' qabel dawk li jirreferu ghall-kawza odjerna u hlas ta' imghax. Hi qalet li kienet intbaghtet ittra lill-avukat difensur tal-konvenuti, bid-data tal-14 ta' Awissu, 1998, fejn gie spjegat fid-dettal il-pagamenti li saru mill-konvenuti u b' riferenza ghalxiex sar l-hlas u x' kien ghad fadallu jithallas mill-konvenuti.

Illi **Dr. Anthony Ellul** fl-affidavit tieghu xehed li hu kien jaf li kien hemm kwistjonijiet bejn il-partijiet dwar hlas ta' kera fuq il-hanut, hlas ta' kambjali w imghax. Fil-fatt il-konvenuti kienu akkwistaw xi mobbli u nhargu kambjali. Hu qal li fid-19 ta' Dicembru, 1997 inbghatet ittra mill-ufficju tieghu lill-konvenut fejn saret proposta ghall-transazzjoni bonarja dwar il-problema li kien hemm bejniethom. Hu xehed li fid-9 ta' Jannar 1998 kien cempel personalment lill-konvenut fuq il-post tax-xoghol

tieghu. Il-konvenut kien ikkonfermalu li kien ser ihallas l-ammont li ssemma' fl-ittra sa mhux aktar tard mill-5 ta' Frar, 1998. Hu kien ghamel notament (Dok AA1) tal-konversazzjoni li kellhom. Hu jiftakar li kien qal lil Goulding li l-klijenti tieghu kienu lesti jistennew. Inoltre' qallu li jekk il-hlas ma jsirx il-klijenti tieghu kienu se jfittxu sa l-inqas sold. Peress li l-hlas ma sarx fit-terminu, intbaghtet ittra ohra fis-6 ta' Frar, 1998.

Illi mill-provi kollha prodotti l-atturi ppruvaw li effetivament il-konvenuti ma hallsuhomx tal-kambjali imsemmija fic-citazzjoni attrici. Illi l-ircevuti li gew prezentati mill-konvenuti kollha jgibu dati qabel l-ittra ta' l-14 ta' Awissu, 1998 mibghuta mil-atturi lill-istess. Illi f' din l-istess ittra gie espressament indikat li l-kambjali numri 13-20 ma kienux thallsu. Inolre' l-attrici fl-affidavit taghha xehdet li kull meta kien isir pagament fuq il-kambjali dejjem irritornat l-original lill-konvenut. Illi l-konvenuti min-naha taghhom ma cahdux tali affermazzjoni u bl-ebda mod ma kkontradicewha. Inoltre' l-istess konvenuti ma qajmu l-ebda kwistjoni tal-original li ghandhom fil-pussess tal-istess atturi. Kwindi hu minnu li l-istess kambjali ma thallsux.

## III. KONKLUZZJONI.

Illi ghalhekk, ghal dawn il-motivi din il-Qorti, **taqta u tiddeciedi,** billi tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuti filwaqt li **tilqa' t-tieni talba attrici,** u dan billi:-

2. Tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-atturi s-somma ta' elfejn erba' mija u sitt liri Maltin u tnejn u sebghin centezmu (Lm2,406.72) import ta' tmien kambjali

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-mandat ta' sekwestru numru 3087/98 u tal-mandat ta' qbid numru 3088/98 JV u bl-imghax mid-dati tal-iskadenzi rispettivi tal-istess kambjali sal-effettiv pagament kontra l-konvenuti.

**Moqrija**

**Onor. Imhallef Raymond C. Pace LL.D.**
**14 ta' Marzu, 2001.**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur**
**14 ta' Marzu, 2001**